MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Numru. 80/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond J Borg]**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Christopher Philip Agius**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Philip Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 20102(L).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta' Lulju 2011, gewwa Rahal Gdid, kif ukoll fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti, minn gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:-

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-gzejjer medicina (herojina), bi

ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet tinsab f'tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordninanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939 kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita` Korrettiva ta' Kordin minghajr l-awtorita' legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

7. Aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LLd nhar it-3 ta' Marzu 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

8. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LLd nhar it-3 ta' Marzu 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-istqarrija tal-imputat.

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammsisjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat illi l-akkuzat huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9; u

Rat illi l-imputat huwa akkuzat li kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat it-Taqsima 4 u 6 tal-Kap. 101, Regolament 4 tal-GN 292 tal-1939, l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260, l-Artikoli 49, 50 u 28 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 7 et seq tal-Kap. 4456, qeghda ssib lill-imputat Christopher Philip Agius hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u in kwantu ghall-akkuza numru sitta u tmienja tikkundannah sena (1) u nofs (6) prigunerija u filwaqt li ghas-seba' akkuza tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija kif ukoll ghall-multa ta' hames mitt Ewro (€500) u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101.

Il-Qorti tordna illi l-imputat ghandu jiddahhal fil-Facilita Korrettiva tal-YOURS u li dan jinghata facilita` mehtiega sabiex jattendi programm kontra d-dipendenza fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------